REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 552/2009

tat-22 ta' Ġunju 2009

li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH) fir-rigward tal-Anness XVII

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1488/94 kif ukoll id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE u d-Direttivi tal-Kummissjoni 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE [1], b'mod partikolari l-Artikolu 131 tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE tas-27 ta' Lulju 1976 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi tal-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu mar-restrizzjonijiet dwar il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi [2] stabbilixxiet fl-Anness I tagħha r-restrizzjonijiet għal ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi. Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 iħassar u jissostitwixxi d-Direttiva 76/769/KEE b'effett mill-1 ta' Ġunju 2009. L-Anness XVII ta' dan ir-Regolament jissostitwixxi l-Anness I għad-Direttiva 76/769/KEE.

(2) L-Artikolu 67 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jipprovdi li ma jistgħux jiġu manifatturati, impoġġija fis-suq jew inkella użati sustanzi, taħlitiet jew oġġetti, sakemm dawn ma jkunux konformi mal-kundizzjonijiet għal kwalunkwe restrizzjoni stabbilita fir-rigward tagħhom fl-Anness XVII.

(3) Id-Direttiva 2006/122/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 li temenda għat-30 darba d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE (perfluorooctane sulfonates (PFOS)) [3] u d-Direttiva tal-Kummissjoni 2006/139/KE tal-20 ta' Diċembru 2006 li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE rigward ir-restrizzjonijiet fuq il-kummerċjalizzazzjoni u l-użu ta' komposti tal-arseniku bil-għan li l-Anness I tagħha jkun addattat għall-progress tekniku [4] li temenda l-Anness I tad-Direttiva 76/769/KE, ġew adottati ftit qabel ma kien adottat ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, f'Diċembru 2006, iżda r-restrizzjonijiet ikkonċernati għadhom ma ġewx inklużi fl-Anness XVII ta' dak ir-Regolament. Għalhekk, l-Anness XVII għandu jkun emendat biex jinkludi r-restrizzjonijiet li jikkorrespondu għad-Direttivi 2006/122/KE u 2006/139/KE, għaliex inkella r-restrizzjonijiet ikkonċernati jkollhom jiġu revokati fl-1 ta' Ġunju 2009.

(4) Skont l-Artikolu 137(3) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, kull emenda għar-restrizzjonijiet adottata skont id-Direttiva 76/769/KEE mill-1 ta' Ġunju 2007 għandha tkun inkorporata fl-Anness XVII ta' dak ir-Regolament b'effett mill-1 ta' Ġunju 2009.

(5) Id-Direttiva 2007/51/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar restrizzjonijiet dwar il-marketing ta' ċertu tagħmir għall-kejl li fih il-merkurju [5] ġiet adottata fil-25 ta' Settembru 2007. Id-Deċiżjoni 1348/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE rigward ir-restrizzjonijiet li jikkonċernaw it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' 2(2-methoxyethoxy)ethanol, 2-(2-butoxyethoxy)ethanol, methylenediphenyl diisocyanate, cyclohexane u nitrat tal-ammonja [6] ġiet adottata fis-16 ta' Diċembru 2008. Ir-restrizzjonijiet ikkonċernati għadhom ma ġewx inklużi fl-Anness XVII ta' dak ir-Regolament. L-Anness XVII għandu jiġi emendat biex jinkorpora r-restrizzjonijiet dwar ċertu apparat ta' kejl li jkun fih il-merkurju, adottati skont id-Direttiva 2007/51/KE u r-restrizzjonijiet dwar 2(2-methoxyethoxy)ethanol, 2-(2-butoxyethoxy)ethanol, methylenediphenyl diisocyanate, cyclohexane u n-nitrat tal-ammonja, adottati skont id-Deċiżjoni 1348/2008/KE.

(6) Għandhom jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettjar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet, li jemenda u jirrevoka d-Direttiva 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 [7].

(7) Billi d-dispożizzjonijiet tat-Titolu VIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u b'mod partikolari l-Anness XVII japplikaw direttament mill-1 ta' Ġunju 2009, ir-restrizzjonijiet għandhom jiġu abbozzati b'mod ċar biex l-operaturi u l-awtoritajiet tal-infurzar ikunu jistgħu japplikawhom b'mod korrett. Għalhekk, l-abbozzar tar-restrizzjonijiet għandu jiġi rivedut. It-terminoloġija għall-entrati differenti għandha tkun armonizzata u tkun aktar koerenti mad-definizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

[1] ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1.
[2] ĠU L 262, 27.9.1976, p. 201.
[3] ĠU L 372, 27.12.2006, p. 32.
[4] ĠU L 384, 29.12.2006, p. 94.
[5] ĠU L 257, 3.10.2007, p. 13.
[6] ĠU L 348, 24.12.2008, p. 108.
[7] ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1.

(8) Id-Direttiva tal-Kunsill 96/59/KE tas-16 ta' Settembru 1996 dwar ir-rimi ta' polychlorinated biphenyls u polychlorinated terphenyls (PCB/PCT) [1] teħtieġ li tagħmir li jkollu PCBs u PCTs jiġi dekontaminat u mormi kemm jista' jkun malajr filwaqt li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet għad-dekontaminazzjoni ta' apparat li jkollu dawn is-sustanzi. Għalhekk, ir-reġistrazzjoni fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) 1907/2006 rigward il-PCTs ma għandhiex tinkludi dispożizzjoni dwar tagħmir li jkollu PCTs billi dan hu rregolat b'mod sħiħ bid-Direttiva 96/59/KE.

(9) Ir-restrizzjonijiet eżistenti għas-sustanzi 2-naphthylamine, benzidine, 4-nitrobiphenyl, 4-aminobiphenyl huma ambigwi billi mhuwiex ċar jekk il-projbizzjoni tikkonċernax biss il-provvista għall-pubbliku ġenerali jew inkella l-provvista għall-utenti professjonali wkoll. Dan għandu jiġi ċċarat. Billi d-Direttiva tal-Kunsill 98/24/KE tas-7 ta' April 1998 dwar il-protezzjoni tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema mir-riskji li għandhom x'jaqsmu mal-aġenti kimiċi [2] tipprojbixxi l-produzzjoni, il-manifattura u l-użu ta' dawk is-sustanzi fuq ix-xogħol, ir-restrizzjonijiet fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 rigward dawk is-sustanzi għandhom ikunu konsistenti mad-Direttiva 98/24/KE.

(10) Is-sustanzi carbon tetrachloride u 1,1,1-trichloroethane huma ristretti ħafna skont ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2000 dwar sustanzi li jnaqqsu s-saff tal-ożonu [3]. Ir-Regolament (KE) Nru 2037/2000 jimponi projbizzjoni b'eċċezzjoni għall-carbon tetrachloride, u projbizzjoni sħiħa għal 1,1,1-trichloroethane. Ir-restrizzjonijiet fuq il-carbon tetrachloride u 1,1,1-trichloroethane fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) 1907/2006 huma, għaldaqstant, superfluwi u għandhom jiġu revokati.

(11) Billi l-merkurju fil-batteriji huwa regolat bid-Direttiva 2006/66/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Settembru 2006 dwar batteriji u akkumulaturi u skart ta' batteriji u ta' akkumulaturi [4], id-dispożizzjonijiet dwar il-merkurju fil-batteriji li bħalissa hemm fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 huma superfluwi u, għaldaqstant, għandhom jiġu revokati.

(12) Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-iskart ma għandux ikun ikkunsidrat bħala sustanza, taħlita, jew oġġett fit-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006. Għalhekk, billi l-iskart mhuwiex kopert mir-restrizzjonijiet ta' dak ir-Regolament, id-dispożizzjonijiet fl-Anness XVII tiegħu li jeskludu l-iskart huma żejda u għandhom jiġu revokati.

(13) Ċerti restrizzjonijiet fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) 1907/2006 għandhom jiġu modifikati biex jitqiesu d-definizzjonijiet ta' "użu" u "tqegħid fis-suq" li hemm fl-Artikolu 3 ta' dak ir-Regolament.

(14) L-entrata fl-Anness I tad-Direttiva 76/769/KEE dwar il-fibri tal-asbestos kienet tinkludi eżenzjoni għad-dija-frammi li fihom il-chrysotile. Għandu jkun speċifikat li din l-eżenzjoni se tkun riveduta wara l-wasla tar-rapporti li se jkollhom jibagħtu l-Istati Membri li jużaw din l-eżenzjoni. Barra minn hekk, fid-dawl tad-definizzjoni ta' "tqegħid fis-suq" fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jħallu t-tqegħid fis-suq ta' xi artikoli li fihom fibri ta' din ix-xorta meta l-artikoli kienu diġà ġew installati jew daħlu fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2005, skont kundizzjonijiet speċifiċi li jiżguraw livell għoli ta' ħarsien għas-saħħa tal-bniedem.

(15) Għandu jiġi ċċarat li, għas-sustanzi li kienu inkorporati fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 bħala konsegwenza tar-restrizzjonijiet adottati fil-qafas tad-Direttiva 76/769/KEE (Entrati 1 sa 58), ir-restrizzjonijiet ma japplikawx għall-ħażna, iż-żamma, it-trattament, il-mili f'kontenituri, jew għat-trasferiment minn kontenitur għall-ieħor tas-sustanzi għall-esportazzjoni, sakemm ma tkunx ipprojbita l-manifattura tas-sustanzi.

(16) Kuntrarju għad-Direttiva 76/769/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jiddefinixxi t-terminu "oġġett". Biex ikopri l-istess oġġetti kif previst fir-restrizzjoni oriġinali dwar il-Kadmju, it-terminu "taħlitiet" għandu jkun miżjud f'uħud minn dawn id-dispożizzjonijiet.

(17) Irid ikun iċċarat li r-restrizzjonijiet inkorporati fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar it-tqegħid fis-suq ta' ċertu apparat tal-kejl bil-merkurju fih ma japplikawx għall-apparat li jkun qed jintuża diġà fil-Komunità meta tkun daħlet fis-seħħ ir-restrizzjoni.

(18) Fl-entrati fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) 1907/2006 għas-sustanzi diphenylether, id-derivattivi tal-pentabromo u d-derivattivi tad-diphenylether, octabromo, għandu jkun previst li r-restrizzjonijiet ma japplikawx għal oġġetti li jkunu jintużaw diġà fid-data minn meta tkun daħlet fis-seħħ ir-restrizzjoni, billi dawk is-sustanzi kienu inkorporati f'oġġetti li għandhom ċiklu tal-ħajja twil u li jkunu nbiegħu fis-suq ta' oġġetti użati, bħal ajruplani u vetturi. Barra minn hekk, billi l-użu tas-sustanzi f'tagħmir tal-elettriku u elettroniku huwa regolat bid-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2003 dwar ir-restrizzjoni tal-użu ta' ċerti sustanzi ta' riskju fit-tagħmir elettriku u elettroniku [5] dan ma għandux ikun soġġett għar-restrizzjonijiet ikkonċernati.

[1] ĠU L 243, 24.9.1996, p. 31.
[2] ĠU L 131, 5.5.1998, p. 11.
[3] ĠU L 244, 29.9.2000, p. 1.
[4] ĠU L 266, 26.9.2006, p. 1.
[5] ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.

(19) Għandu jkun ċar fir-restrizzjoni ta' nonylphenol u nonylphenol ethoxylate li l-validità ta' awtorizzazzjonijiet nazzjonali eżistenti għall-pestiċidi u l-prodotti bijoċidali li fihom nonylphenol ethoxylate bħala koformulant ma għandhomx jiġu affettwati, kif stipulat fl-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 2003/53/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2003 li temenda għas-26 darba d-Direttiva tal-Kunsill 76/769/KEE dwar ir-restrizzjonijiet fuq il-marketing u l-użu ta' ċerti sustanzi u preparazzjonijiet perikolużi (nonylphenol, nonylphenol ethoxylate u siment) [1].

(20) Għandu jkun iċċarat li r-restrizzjoni inkorporata fl-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 dwar il-perfluorooctane sulfonates ma tapplikax għal prodotti li kienu jintużaw diġà fil-Komunità meta r-restrizzjoni daħlet fis-seħħ.

(21) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 133 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 qed ikun emendat skont l-Anness ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għanfu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussell, it-22 ta' Ġunju 2009.

Għall-Kummissjoni

Günter VERHEUGEN

Viċi President

[1] ĠU L 178, 17.7.2003, p. 24.

ANNESS

L-Anness XVII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 qed jiġi emendat kif ġej:

(1) It-titolu qed jinbidel b'dan li ġej:

"Restrizzjonijiet fuq il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' ċerti sustanzi, taħlitiet u oġġetti perikolużi".

(2) It-tabella li tistabbilixxi l-għażla tas-sustanzi, il-gruppi tas-sustanzi u taħlitiet kif ukoll il-kundizzjonijiet tar-restrizzjoni qed tinbidel b'dan li ġej:

"Għal sustanzi li ġew inkorporati f'dan l-Anness bħala konsegwenza tar-restrizzjonijiet adottati fil-qafas tad-Direttiva 76/769/KEE (Entrati 1 sa 58), ir-restrizzjonijiet ma għandhomx japplikaw għall-ħażna, iż-żamma, it-trattament, il-mili f'kontenituri, jew għat-trasferiment minn kontenitur għall-ieħor ta' dawn is-sustanzi għall-esportazzjoni, sakemm ma tkunx ipprojbita l-manifattura ta' dawn is-sustanzi.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
1. Polychlorinated terphenyls (PCTs)	Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw: — bħala sustanzi, — f'taħlitiet, inkluż żjut użati, jew f'tagħmir, f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 50 mg/kg (0,005 % skont il-piż).
2. Chloroethene (klorur tal-vinil) CAS Nru 75-01-4 KE Nru 200-831-0	Ma għandux jintuża bħala fjuwil f'erosols għal kwalunkwe użu. Dispensers tal-erosol li jkollhom is-sustanza bħala fjuwil ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.
3. Sustanzi jew taħlitiet likwidi, meqjusin bħala perikolużi skont id-definizzjonijiet fid-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE u d-Direttiva 1999/45/KE.	1. Ma għandhomx jintużaw fi: — oġġetti ornamentali, intiżi biex jipproduċu d-dawl jew effetti koloranti permezz ta' fażijiet differenti, pereżempju f'bozoz ornamentali u portaċeneri, — bużullotti u ċajt, — logħob għal parteċipant wieħed jew aktar, jew kull oġġett intiż li jintuża bħala tali, anki b'aspetti ornamentali. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Magħandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk dawn ikollhom aġent koloranti, sakemm ikun meħtieġ għal finijiet fiskali jew bħala fwieħa jew għat-tnejn u jekk dawn: — jippreżentaw periklu ta' aspirazzjoni u jkollhom it-tikketta R65 jew H304, u — jistgħu jintużaw bħala fjuwils f'bozoz dekorattivi, u — ikunu ppakkjati f'kontenituri b'kapaċità ta' 15-il litru jew inqas. 4. Bla ħsara għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra relatati mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-forniturі għandhom jiżguraw qabel ma jqiegħdu fis-suq li l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet koperti mill-paragrafu 3, fejn dawn ikunu intiżi biex jintużaw fil-bozoz, għandhom ikunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqraw u li ma jitħassarx kif ġej: "Żomm il-bozoz mimlijin b'dan il-likwidu 'l bogħod mit-tfal.".

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
4. Tris (2,3 dibromopropyl) phosphate CAS Nru 126-72-7	1. Ma għandhomx jintużaw f'oġġetti tat-tessuti, bħal ilbies, ilbies ta' taħt u bjankerija, intiżi biex jagħmlu kuntatt mal-ġilda. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.
5. Benżin CAS Nru 71-43-2 KE Nru 200-753-7	1. Ma għandux jintuża f'ġugarelli jew f'partijiet ta' ġugarelli fejn il-konċentrazzjoni ta' benżin fi stat ħieles tkun iktar minn 5 mg/kg (0,0005 %) tal-piż tal-ġugarell jew parti ta' ġugarell. 2. Ġugarelli jew partijiet ta' ġugarelli li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Ma għandhiex titqiegħed fis-suq, jew tintuża, — bħala sustanza, — bħala kostitwent ta' sustanzi oħra, jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjonijiet ugwali għal, jew iktar minn, 0,1 % skont il-piż. 4. Madankollu, il-paragrafu 3 ma japplikax għal: (a) karburanti tal-magna koperti bid-Direttiva 98/70/KE; (b) sustanzi u taħlitiet għall-użu fi proċessi industrijali li ma jippermettux l-emissjoni ta' benżin fi kwantitajiet ogħla minn dawk stabbiliti fil-leġiżlazzjoni eżistenti.
6. Fibri tal-asbestos (a) Crocidolite CAS Nru 12001-28-4 (b) Amosite CAS Nru 12172-73-5 (ċ) Anthophyllite CAS Nru 77536-67-5 (d) Actinolite CAS Nru 77536-66-4 (e) Tremolite CAS Nru 77536-68-6 (f) Chrysotile CAS Nru 12001-29-5 CAS Nru 132207-32-0	1. Il-manifattura, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dawn il-fibri u ta' oġġetti li jkollhom dawn il-fibri miżjuda intenzjonalment huwa pprojbit. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu jeżentaw it-tqegħid fis-suq u għall-użu ta' dijaframmi li jkollhom il-chrysotile (il-punt (f)) għall-installazzjonijiet eżistenti tal-elettroleżi, sakemm dawn jilħqu t-tmiem tal-ħajja tagħhom, jew sakemm ikun hemm sostituti ħielsa mill-asbestos xierqa, skont liema minn dawn tkun disponibbli l-ewwel. Sal-1 ta' Ġunju 2011 l-Istati Membri li jużaw din l-eżenzjoni għandhom jipprovdu rapport lill-Kummissjoni dwar id-disponibilità ta' sostituti liberi mill-asbestos għall-installazzjonijiet tal-elettroloži u l-isforzi meħuda għall-iżvilupp ta' alternattivi bħal dawn, fuq il-ħarsien ta' saħħet il-ħaddiema fl-installazzjonijiet, fuq is-sors u l-kwantitajiet ta' chrysotile, fuq is-sors u l-kwantitajiet ta' dijaframmi li fihom chrysotile u d-data maħsuba għal tmiem l-eżenzjoni. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan it-tagħrif disponibbli pubblikament. Wara l-wasla ta' dawk ir-rapporti, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Aġenzija tħejji dossier skont l-Artikolu 69 bil-ħsieb li tipprojbixxi t-tqegħid fis-suq u l-użu ta' dijaframmi li fihom il-chrysotile 2. L-użu ta' oġġetti li jkollhom il-fibri tal-asbestos msemmija fil-paragrafu 1 li kienu installati diġà u/jew li kienu fis-servizz qabel l-1 ta' Jannar 2005 għandhom ikomplu jiġu awtorizzati sakemm dawn jintremew jew sakemm dawn jilħqu t-tmiem tal-ħajja tagħhom. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, għal raġunijiet ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem, jirrestriġġu, jipprojbixxu jew jagħmlu suġġett għal kundizzjonijiet speċifiċi, l-użu ta' dawn l-oġġetti qabel ma jintremew jew inkella qabel ma jilħqu t-tmiem tal-ħajja tas-servizz tagħhom. L-Istati Membri jistgħu jippermettu t-tqegħid fis-suq ta' oġġetti fl-intier tagħhom li fihom fibri tal-asbestos imsemmija fil-paragrafu 1 li diġà kienu installati u/jew qegħdin jaħdmu qabel l-1 ta' Jannar 2005, taħt kundizzjonijiet speċifiċi li jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw dawn il-miżuri nazzjonali lill-Kummissjoni sal-1 ta' Ġunju 2011. Il-Kummissjoni għandha tagħmel dan it-tagħrif disponibbli pubblikament.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	3. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, it-tqegħid fis-suq u l-użu ta' oġġetti li jkollhom dawn il-fibri, kif awtorizzati skont id-derogi preċedenti, għandhom ikunu awtorizzati biss jekk il-forniturі jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-oġġetti jkollhom tikketta skont l-Appendiċi 7 ta' dan l-Anness.
7. Tris(aziridinyl)phosphinoxide CAS Nru 545-55-1 KE Nru 208-892-5	1. Ma għandhomx jintużaw f'oġġetti tat-tessuti, bħal ilbies, ilbies ta' taħt u bjankerija, intiżi biex jagħmlu kuntatt mal-ġilda. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.
8. Polybromobiphenyls; Polybrominatedbiphenyls (PBB) CAS Nru 59536-65-1	1. Ma għandhomx jintużaw f'oġġetti tat-tessuti, bħal ilbies, ilbies ta' taħt u bjankerija, intiżi biex jagħmlu kuntatt mal-ġilda. 2. L-oġġetti li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.
9. (a) Trab tal-Quillaja saponaria u d-derivattivi tagħha li fihom is-saponini CAS Nru 68990-67-0 KE 273-620-4 (b) Trab mill-għeruq tal-*Helleborus viridis* u tal-*Helleborus niger* (ċ) Trab tal-għeruq tal-*Veratrum album* u l-*Veratrum nigrum* (d) Benzidine u/jew id-derivattivi tagħha CAS Nru 92-87-5 KE Nru 202-199-1 (e) o-Nitrobenzaldehyde CAS Nru 552-89-6 KE Nru 209-025-3 (f) Trab tal-injam	1. Ma għandhomx jintużaw f'bużullotti jew f'ċajtiet jew f'taħlitiet maħsubin biex jintużaw b'dan il-mod, pereżempju bħala kostitwent fi trab tal-għatis jew f'bombi tal-intiena. 2. Bużullotti u ċajtiet, jew taħlitiet jew oġġetti intiżi biex jintużaw bħala tali, li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Madankollu, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikax għal bombi tal-intiena b'inqas minn 1,5 ml ta' likwidu.
10. (a) Ammonium sulphide CAS Nru 12135-76-1 KE Nru 235-223-4 (b) Ammonium hydrogen sulphide CAS Nru 12124-99-1 KE Nru 235-184-3 (ċ) Ammonium polysulphide CAS Nru 9080-17-5 KE Nru 232-989-1	1. Ma għandhomx jintużaw f'bużullotti jew f'ċajtiet jew f'taħlitiet maħsubin biex jintużaw b'dan il-mod, pereżempju bħala kostitwent fi trab tal-għatis jew f'bombi tal-intiena. 2. Bużullotti u ċajtiet, jew taħlitiet jew oġġetti intiżi biex jintużaw bħala tali, li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Madankollu, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikax għal bombi tal-intiena b'inqas minn 1,5 ml ta' likwidu.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
11. Esteri volatili ta' aċidi bromoaċetiċi: (a) Methyl bromoacetate CAS Nru 96-32-2 KE Nru 202-499-2 (b) Ethyl bromoacetate CAS Nru 105-36-2 KE Nru 203-290-9 (ċ) Propyl bromoacetate CAS Nru 35223-80-4 (d) Butyl bromoacetate CAS Nru 18991-98-5 KE Nru 242-729-9	1. Ma għandhomx jintużaw f'bużullotti jew f'ċajtiet jew f'taħlitiet maħsubin biex jintużaw b'dan il-mod, pereżempju bħala kostitwent fi trab tal-għatis jew f'bombi tal-intiena. 2. Bużullotti u ċajtiet, jew taħlitiet jew oġġetti intiżi biex jintużaw bħala tali, li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Madankollu, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikax għal bombi tal-intiena b'inqas minn 1,5 ml ta' likwidu.
12. 2-Naphthylamine CAS Nru 91-59-8 KE Nru 202-080-4 u l-imluħ tiegħu 13. Benzidine CAS Nru 92-87-5 KE Nru 202-199-1 u l-imluħ tiegħu 14. 4-Nitrobiphenyl CAS Nru 92-93-3 EINECS KE Nru 202-204-7 15. 4-Aminobiphenyl xenylamine CAS Nru 92-67-1 Einecs KE Nru 202-177-1 u l-imluħ tiegħu	Dawn li ġejjin japplikaw għall-entrati 12 sa 15: Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż.
16. Karbonati taċ-ċomb: (a) Karbonat anidruż newtrali ($PbCO_3$) CAS Nru 598-63-0 KE Nru 209-943-4 (b) Trilead-bis(carbonate)-dihydroxide 2Pb CO_3-$Pb(OH)_2$ CAS Nru 1319-46-6 KE Nru 215-290-6	Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet, fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża bħala żebgħa. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni 13 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar ix-Xogħol (ILO) għall-użu ta' ċomb abjad u sulfati taċ-ċomb fiż-żebgħa, jippermettu l-użu fit-territorju tagħhom tas-sustanza jew tat-taħlita għar-restawr u l-manutenzjoni ta' xogħlijiet tal-arti u bini storiku u l-partijiet ta' ġewwa tiegħu.
17. Sulfati taċ-ċomb: (a) $PbSO_4$ CAS Nru 7446-14-2 KE Nru 231-198-9 (b) Pbx SO_4 CAS Nru 15739-80-7 KE Nru 239-831-0	Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet, fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża bħala żebgħa. Madankollu, l-Istati Membri jistgħu, skont id-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni 13 tal-Organizzazzjoni Internazzjonali dwar ix-Xogħol (ILO) għall-użu ta' ċomb abjad u sulfati taċ-ċomb fiż-żebgħa, jippermettu l-użu fit-territorju tagħhom tas-sustanza jew tat-taħlita għar-restawr u l-manutenzjoni ta' xogħlijiet tal-arti u bini storiku u l-partijiet ta' ġewwa tiegħu.
18. Komposti tal-merkurju	Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża biex:

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(a) timpedixxi l-kontaminazzjoni minn mikroorganiżmi, pjanti u annimali ta': — qxur ta' dgħajjes, — gaġeġ, sufruni, xbieki u apparat jew tagħmir ieħor użat fil-pixxikultura fir-rigward tal-ħut jew ta' frott tal-baħar, — kwalunkwe apparat jew tagħmir totalment jew parzjalment mgħarrqa; (b) fil-preservazzjoni tal-injam; (ċ) fl-imprenjazzjoni ta' tessuti industrijali heavy-duty u ħjut maħsubin għall-fabbrikazzjoni tagħhom; (d) fit-trattament ta' ilmijiet industrijali, irrispettivament mill-użu tagħhom.
18a. Merkurju CAS Nru 7439-97-6 KE Nru 231-106-7	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq: (a) f'termometri tad-deni; (b) f'appart ieħor ta' kejl intiż biex jinbiegħ lill-pubbliku ġenerali (bħal manometri, barometri, sfigmomanometri, termometri minbarra termometri tad-deni). 2. Ir-restrizzjoni fil-paragrafu 1 ma tapplikax għall-apparat tal-kejl li kien jintuża fil-Komunità qabel it-3 ta' April 2009. Madankollu l-Istati Membri jistgħu jirrestrinġu jew jipprojbixxu t-tqegħid fis-suq ta' apparat ta' kejl bħal dan. 3. Ir-restrizzjoni fil-paragrafu 1(b) ma tapplikax għal: (a) apparat tal-kejl li fit-3 ta' Ottubru 2007 ikun għalaq iktar minn 50 sena, (b) barometri (ħlief barometri fil-punt (a)) sat-3 ta' Ottubru 2009. 4. Sat-3 ta' Ottubru 2009, il-Kummissjoni għandha twettaq studju tad-disponibbiltà ta' alternattivi żguri u ta' min jorbot fuqhom li huma teknikament u ekonomikament vijabbli għal sfigmomanometri kif ukoll għal apparat ieħor tal-kejl li jaħdem bil-merkurju li jintuża fil-kura tas-saħħa u f'użi professjonali u industrijali oħra. Fuq il-bażi ta' dan l-istudju jew hekk kif issir disponibbli informazzjoni ġdida dwar alternattivi li tkun żgura u kredibbli rigward sfigmomanometri u apparat ieħor tal-kejl li jkollu l-merkurju, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun xieraq, tippreżenta proposta leġiżlattiva biex testendi r-restrizzjonijiet fil-paragrafu 1 għal sfigmomanometri u apparat ieħor tal-kejl li jintuża fil-kura tas-saħħa u f'użi professjonali u industrijali oħra, sabiex il-merkurju fl-apparat tal-kejl jiġi eliminat gradwalment kull meta jkun teknikament u ekonomikament vijabbli.
19. Komposti arseniċi	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża għall-prevenzjoni tal-kontaminazzjoni minn mikroorganiżmi, pjanti u annimali ta': — qxur ta' dgħajjes, — gaġeġ, sufruni, xbieki u apparat jew tagħmir ieħor użat fil-pixxikultura fir-rigward tal-ħut jew ta' frott tal-baħar, — kwalunkwe apparat jew tagħmir totalment jew parzjalment mgħarrqa. 2. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża biex tintuża fit-trattament ta' ilmijiet industrijali, irrispettivament mill-użu tagħhom. 3. Ma għandhomx jintużaw fil-preservazzjoni tal-injam. Barra minn hekk, injam trattat b'dan il-mod ma għandux jitqiegħed fis-suq.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	4. B'deroga mill-paragrafu 3: (a) Fir-rigward ta' sustanzi u taħlitiet użati fil-preservazzjoni tal-injam: dawn jistgħu jintużaw biss f'installazzjonijiet industrijali bl-użu ta' imprenjazzjoni tal-injam bil-pressa jew taħt vakwu jekk ikunu soluzzjonijiet ta' komposti inorganiċi tat-tip C tar-RKA (ram-kromju-arseniku) u jekk dawn ikunu awtorizzati skont l-Artikolu 51. tad-Direttiva 98/8/KE. Injam trattat b'dan il-mod ma għandux jitqiegħed fis-suq qabel mal-iffissar tal-preżervattiv ikun lest. (b) Fir-rigward ta' injam trattat b'soluzzjonijiet tar-RKA f'installazzjonijiet industrijali skont il-punt (a): dan jista' jitqiegħed fis-suq għal użu professjonali u industrijali jekk l-integrità strutturali tal-injam tkun meħtieġa għas-sigurtà tal-bniedem jew tal-annimali u l-kuntatt mal-ġilda tal-pubbliku ġenerali waqt l-użu jkun improbabbli: — bħala injam strutturali f'bini pubbliku u agrikolu, f'binjiet ta' uffiċini u f'bini u artijiet industrijali, — f'pontijiet u xogħol relatat ma' pontijiet, — f'injam għall-bini f'żoni ta' ilma ħelu jew ta' ilma salmastru, pereżempju pontuni u pontijiet, — bħala barrieri kontra l-ħoss, — għall-kontroll ta' valangi, — f'reċinti u barrieri għas-sigurtà fuq awtostradi, — bħala protezzjoni madwar punteljuni tal-koniferi għal reċinti tal-annimali, — fi strutturi sabiex iżommu l-art, — bħala piluni għat-trażmissjoni ta' kurrent elettriku u għat-telekomunikazzjoni, — bħala rfid trasversali għal-linji tal-ferroviji ta' taħt l-art. (ċ) Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet il-fornituri għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li kull injam trattat imqiegħed fis-suq ikun ittikkettjat individwalment bil-kliem 'Għall-installazzjoni u l-użu professjonali u industrijali biss, fih l-arseniku'. Kif ukoll kull injam imqiegħed fis-suq f'imballaġġi għandu jkun ittikkettjat bil-kliem "Ilbes l-ingwanti meta tuża dan l-injam. Ilbes maskla għat-trab u protezzjoni għall-għajnejn meta taqta jew taħdem dan l-injam. Skart minn dan l-injam għandu jitqies bħala perikoluż minn impriża awtorizzata." (d) L-injam ittrattat imsemmi fil-punt (a) ma għandux jintuża: — f'bini residenzjali jew domestiku, għall-ebda skop, — fi kwalunkwe applikazzjoni fejn jista' jkun hemm kuntatt ripetut mal-ġilda, — fil-baħar, — għal skopijiet agrikoli barra mill-użu bħala strutturi u punteljuni għal reċinti għall-annimali skont il-punt (b), — fi kwalunkwe applikazzjoni fejn l-injam trattat jista' jiġi f'kuntatt ma' prodotti intermedji jew lesti maħsubin għall-konsum mill-bniedem u/jew mill-annimali. 5. Injam ittrattat b'komposti tal-arseniku li kien jintuża fil-Komunità qabel it-30 ta' Settembru 2007, jew li tpoġġa fis-suq skont il-paragrafu 4 jista' jibqa' hemm u jintuża sakemm dan jilħaq it-tmiem tal-ħajja tiegħu.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	6. Injam ittrattat tat-tip C tar-RKA li kien jintuża fil-Komunità qabel it-30 ta' Settembru 2007, jew li tpoġġa fis-suq skont il-paragrafu 4:: — jista' jintuża jew jintuża mill-ġdid soġġett għall-kundizzjonijiet li jappartjenu għall-użu tiegħu, elenkati taħt il-punti 4(b), (c) u (d), — jista' jitqiegħed fis-suq soġġett għall-kundizzjonijiet li jappartjenu għall-użu tiegħu, elenkati taħt il-punti 4(b), (c) u (d). 7. L-Istati Membri jistgħu jippermettu njam ittrattat ma' tipi oħra ta' soluzzjonijiet ta' RKA li kien jintuża fil-Komunità qabel it-30 ta' Settembru 2007: — biex jintuża jew jerġa' jintuża soġġett għall-kundizzjonijiet li jappartjenu għall-użu tiegħu, elenkati taħt il-punti 4 (b), (c) u (d), — irid jitqiegħed fis-suq soġġett għall-kundizzjonijiet li jappartjenu għall-użu tiegħu, elenkati taħt il-punti 4(b), (c) u (d).
20. Komposti organostanniċi	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi u f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita taġixxi bħala bijoċida f'żebgħa b'filtrazzjoni libera. 2. Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita taġixxi bħala bijoċida biex tevita l-kontaminazzjoni minn mikroorganiżmi, pjanti jew annimali ta': (a) kull inġenju tal-baħar irrispettivament mit-tul tiegħu maħsub għall-użu fil-baħar, f'ilmijiet mal-kosta, f'estwarji u f'passaġġi interni fuq l-ilma u f'lagi; (b) gaġeġ, sufruni, xbieki u apparat jew tagħmir ieħor użat fil-pixxikultura fir-rigward tal-ħut jew ta' frott tal-baħar; (ċ) kwalunkwe apparat jew tagħmir totalment jew parzjalment mgħarrqa. 3. Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita tkun intiża biex tintuża fit-trattament ta' ilmijiet industrijali.
21. Di-μ-oxo-di-n-butylstanniohydroxyborane / Dibutyltin hydrogen borate $C_8H_{19}BO_3Sn$ (DBB) CAS Nru 75113-37-0 KE Nru 401-040-5	Ma għandux jitqiegħed fis-suq, jew jintuża, bħala sustanza, jew f'taħlitiet f'konċentrazzjoni ugwali għal, jew iktar minn 0,1 % skont il-piż. Madankollu, l-ewwel paragrafu ma japplikax għal din is-sustanza (DBB) jew taħlitiet li jkollhom dan jekk dawn ikunu intiżi biss għall-konverżjoni f'oġġetti, li fost dawn, din is-sustanza ma tkunx preżenti aktar f'konċentrazzjoni ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 %.
22. Pentachlorophenol CAS Nru 87-86-5 KE Nru 201-778-6 u l-imluħ u l-esteri tiegħu	Ma għandhiex titqiegħed fis-suq, jew tintuża, — bħala sustanza, — bħala kostitwent f'sustanzi oħra, jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjoni ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż.
23. KadmjuCAS Nru 7440-43-9 KE Nru 231-152-8 u l-komposti tiegħu	Għall-finijiet ta' din ir-reġistrazzjoni, il-kodiċijiet u l-kapitoli indikati f'parenteżi kwadri huma l-kodiċijiet u l-kapitoli tat-tariffa u tan-nomenklatura statistika tat-Tariffa Doganali Komuni kif stabbilita bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 (*). 1. Ma għandux jintuża biex jagħti l-kulur lil oġġetti manifatturati mis-sustanzi u t-taħlitiet li ġejjin: (a) — klorur tal-polivinil (PVC) [3904 10] [3904 21] [3904 22] — poliuretanu (PUR) [3909 50]

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	— polietilin (ld PE) ta' densità baxxa, bl-eċċezzjoni ta' polietilin ta' densità baxxa li jintuża għall-produzzjoni ta' masterbatch ikkulurit [3901 10] — aċetat taċ-ċelluloża (CA) [3912 11] [3912 12] — butyrate tal-aċetat taċ-ċelluloża (CAB) [3912 11] [3912 12] — reżini epossidiċi [3907 30] — reżini tal-melamina-formaldehyde (MF) [3909 20] — reżini tal-urea-formaldehyde (UF) [3909 10] poliesteri mhux saturati (UP) [3907 91] — polietilene tereftalat (PET) [3907 60] — polyethylene terephthalate (PET) [3907 60] — polybutylene terephthalate (PBT) — polistiren trasparenti/għal użu ġenerali [3903 11] [3903 19] — acrylonitrile methylmethacrylate (AMMA) — polietilina inkroċjata (VPE) — polistiren b'saħħtu — polipropilen (PP) [3902 10] (b) żebgħat [3208] [3209] Iżda jekk iż-żebgħat ikollhom kontenut għoli ta' żingu, il-konċentrazzjoni tar-residwu ta' kadmju għandha tkun baxxa kemm jista' jkun u f'kull każ ma għandhiex taqbeż iż-0,1 % skont il-piż. F'kull każ, ikun liema jkun l-użu jew l-iskop finali, l-oġġetti jew komponenti lesti ta' oġġetti ffabbrikati mis-sustanzi u taħlitiet msemmija hawn fuq ikkuluriti bil-kadmju ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk il-livell tagħhom ta' kadmju (imfisser bħala Cd metall) jaqbeż iż-0,01 % skont il-piż tal-materjal plastiku. 2. Madankollu, il-paragrafu 1 ma japplikax għall-oġġetti maħsuba li jiġu kkuluriti għal skopijiet ta' sigurtà. 3. Ma għandux jintuża biex jistabbilizza l-oġġetti lesti elenkati hawn taħt iffabbrikati minn polimeri jew kopolimeri tal-klorur tal-vinil: — materjal tal-imballaġġ (boroż, kontenturi, fliexken, għotjien) [3923 29 10] — fornimenti għal uffiċċji jew skejjel [3926 10] — tagħmir għall-għamara, oqfsa ta' vetturi jew vaguni, u tagħmir ta' din ix-xorta [3926 30] — oġġetti ta' lbies u aċċessorji għall-ilbies (inklużi ingwanti) [3926 20] — kisi tal-pavimenti u ħitan [3918 10] — tessuti imprenjati, miksijin, mgħottijin jew laminati [5903 10] — imitazzjonijiet tal-ġild [4202] — diski tal-gramafown — tubi u pajpijiet u t-tagħmir tagħhom [3917 23] — bibien li jinfetħu u jingħalqu bil-molla — vetturi għat-trasport fit-toroq (ġewwa, barra, il-qiegħ) — kisi ta' pjanċi tal-azzar użati fil-bini jew fl-industrija — iżolament għal wajers tal-elettriku

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	F'kull każ, irrispettivament mill-użu jew l-iskop finali tagħhom, it-tqegħid fis-suq tal-oġġetti lesti msemmija hawn fuq jew ta' komponenti ta' oġġetti ffabbrikati minn polimeri jew kopolimeri tal-klorur tal-vinil, stabbilizzati b'sustanzi li fihom il-kadmju, għandu jkun ipprojbit jekk il-kontenut ta' kadmju (imfisser bħala metall Cd) jaqbeż iż-0,01 % ikkalkolat skont il-piż tal-polimeru. 4. Iżda, il-paragrafu 3 ma japplikax fil-każ ta' oġġetti lesti li għal raġunijiet ta' sigurtà jużaw stabbilizzaturi bbażati fuq il-kadmju. 5. Fis-sens ta' dan ir-Regolament, 'kisi bil-kadmju' tfisser kull depożitu jew kisi ta' kadmju metalliku fuq superfiċje metallika. Ma għandhiex tintuża għal kisi bil-kadmju ta' oġġetti metalliċi jew fil-każ ta' komponenti oħra ta' oġġetti użati fis-setturi/applikazzjonijiet elenkati hawn taħt: (a) tagħmir u makkinarju għal: — produzzjoni ta' ikel [8210] [8417 20] [8419 81] [8421 11] [8421 22] [8422] [8435] [8437] [8438] [8476 11] — agrikultura [8419 31] [8424 81] [8432] [8433] [8434] [8436] — tkessiħ u ffriżar [8418] — stampar u legatura ta' kotba [8440] [8442] [8443] (b) tagħmir u makkinarju għall-produzzjoni ta': — oġġetti tad-dar [7321] [8421 12] [8450] [8509] [8516] — għamara [8465] [8466] [9401] [9402] [9403] [9404] — oġġetti sanitarji [7324] — tisħin ċentrali u impjanti ta' arja kkundizzjonata [7322] [8403] [8404] [8415] F'kull każ, irrispettivament mill-użu jew mill-iskop finali tagħhom, għandu jkun ipprojbit it-tqegħid fis-suq ta' oġġetti miksijin bil-kadmju jew ta' komponenti ta' dawn l-oġġetti użati fis-setturi/applikazzjonijiet elenkati f'(a) u (b) hawn fuq u ta' oġġetti ffabbrikati fis-setturi elenkati f'(b) hawn fuq. 6. Id-dispożizzjonjiet imsemmija fit-taqsima 5 japplikaw ukoll għal oġġetti miksijin bil-kadmju jew għal komponenti ta' tali oġġetti meta użati fis-setturi/applikazzjonijiet elenkati f'(a) u (b) hawn taħt u għal oġġetti fabbrikati fis-setturi elenkati f'(b) hawn taħt: (a) tagħmir u makkinarju għall-produzzjoni ta': — karta u kartonċin [8419 32] [8439] [8441] tessuti u lbies [8444] [8445] [8447] [8448] [8449] [8451] [8452] (b) tagħmir u makkinarju għall-produzzjoni ta': — tagħmir u makkinarju għall-irfigħ industrijali [8425] [8426] [8427] [8428] [8429] [8430] [8431] — vetturi tat-triq u agrikoli [kapitolu 87] — tagħmir mobbli tal-ferroviji [kapitolu 86] — bastimenti [kapitolu 89] 7. Madankollu, ir-restrizzjonijiet fil-paragrafi 5 u 6 ma għandhomx japplikaw għal: — oġġetti u komponenti tal-oġġetti użati fis-setturi tal-ajrunawtika, tal-ajruspazju, tal-minjieri, tal-offshore u tan-nukleari li l-applikazzjonijiet tagħhom jeħtieġu standards għoljin ta' sigurtà u f'tagħmir ta' sigurtà f'vetturi tat-triq u agrikoli, tagħmir mobbli ta' ferroviji u bastimenti, — kuntatti elettriċi f'kull settur ta' użu, fejn dan ikun meħtieġ biex jiżgura l-affidabbiltà meħtieġa mill-apparat li fuqu huma installati. (*) ĠU L 256, 7.9.1987, p. 42.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
24. Monomethyl – tetrachlorodiphenyl metanu Isem kummerċjali: Ugilec 141 CAS Nru 76253-60-6	1. Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanza jew f'taħlitiet. Oġġetti li jkollhom is-sustanza ma għandhomx jitqiegħu fis-suq. 2. B'deroga, il-paragrafu 1 ma għandux japplika: (a) fil-każ ta' impjant u makkinarju li diġà kien jitħaddem fit-18 ta' Ġunju 1994, sa meta tali impjant u makkinarju jintrema; (b) fil-każ ta' manutenzjoni ta' impjant u makkinarju li diġà kien qed jitħaddem fi Stat Membru fit-18 ta' Ġunju 1994. Għall-finijiet tal-punt (a) l-Istati Membri jistgħu, minħabba raġunijiet ta' protezzjoni għas-saħħa tal-bniedem u l-protezzjoni ambjentali, jipprojbixxu fit-territorju tagħhom l-użu ta' tali impjant jew makkinarju qabel ma jintrema.
25. Monomethyl-dichloro-diphenyl methane Isem kummerċjali: Ugilec 121 Ugilec 21	Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanza jew f'taħlitiet. Oġġetti li jkollhom is-sustanza ma għandhomx jitqiegħu fis-suq.
26. Monomethyl-dibromo-diphenyl methane bromobenzylbromotoluene, taħlita ta' iżomeri Isem kummerċjali: DBBT CAS Nru 99688-47-8	Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanza jew f'taħlitiet. Oġġetti li jkollhom is-sustanza ma għandhomx jitqiegħu fis-suq.
27. Nickel CAS Nru 7440-02-0 KE Nru 231-111-4 u l-komposti tiegħu	1. Ma għandhomx jintużaw: (a) f'assemblaġġi li jsiru fi żmien aktar tard, li jiddaħħlu f'widnejn imtaqqbin u f'partijiet oħra tal-ġisem uman imtaqqbin, sakemm ir-rata ta' rilaxx ta' nikil minn dawn l-assemblaġġi li jsiru fi żmien aktar tard tkun inqas minn 0,2 µg/ċm2/ġimgħa (il-limitu ta' migrazzjoni); (b) f'oġġetti maħsubin biex jiġu f'kuntatt dirett u prolongat mal-ġilda, bħal: — imsielet, — ġiżirajjen, brazzuletti u ktajjen, brazzuletti li jintlibsu mal-għaksa tas-sieq, ċrieket tas-swaba', — arloġġi tal-idejn, ċineg tal-arloġġi u tighteners, — buttuni ta' msiemer irbattuti, tighteners, imsiemer irbattuti, żippijiet u marki tal-metall, meta dawn jintużaw fi lbiesi, jekk ir-rata ta' emissjoni ta' nikil mill-partijiet ta' dawn l-oġġetti li jiġu f'kuntatt dirett u prolongat mal-ġilda hija oghla minn 0,5 µg/ċm^2/ġimgħa. (ċ) f'oġġetti bħal dawk elenkati fil-punt (b) meta dawn ikollhom kisja mingħajr nikil sakemm tali kisja tkun suffiċjenti biex tiżgura li r-rata ta' emissjoni ta' nikil mill-partijiet ta' dawn l-oġġetti li jiġu f'kuntatt dirett u prolongat mal-ġilda ma taqbiżx iż-0,5 µg/ċm^2/ġimgħa għal perjodu ta' mill-inqas sentejn ta' użu normali tal-oġġett. 2. Oġġetti li huma s-suġġett tal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk ma jikkonformawx mal-ħtiġijiet disposti f'dak il-paragrafu. 3. L-istandards adottati mill-Komunità Ewropea għall-Istandardizzazzjoni (CEN) għandhom jintużaw bħala l-metodi ta' ttestjar biex tintwera l-konformità ta' dawn l-oġġetti skont l-1 u t-2 paragrafi.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
28. Sustanzi li jidhru fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ikklassifikati bħala kategorija karċinoġenika 1A jew 1B (Tabella 3.1) jew kategorija karċinoġenika 1 jew 2 (Tabella 3.2) u elenkati kif ġej: — Kategorija karċinoġenika 1A (Tabella 3.1) /kategorija karċinoġenika 1 (Tabella 3.2) elenkati fl-Appendiċi 1 — Kategorija karċinoġenika 1B (Tabella 3.1) /kategorija karċinoġenika 2 (Tabella 3.2) elenkati fl-Appendiċi 2 29. Sustanzi li jidhru fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ikklassifikati bħala kategorija mutaġenika taċ-ċellula tal-batteri 1A jew 1B (Tabella 3.1) jew kategorija mutaġenika 1 jew 2 (Tabella 3.2) u elenkati kif ġej: — Kategorija mutaġenika 1A (Tabella 3.1) /kategorija mutaġenika 1 (Tabella 3.2) elenkata fl-Appendiċi 3 — Kategorija mutaġenika 1B (Tabella 3.1) /kategorija mutaġenika 2 (Tabella 3.2) elenkata fl-Appendiċi 4 30. Sustanzi li jidhru fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ikklassifikati bħala tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1A jew 1B (Tabella 3.1) jew tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1 jew 2 (Tabella 3.2) u elenkati kif ġej: — Tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1A effetti ħżiena fuq il-funzjoni sesswali u l-fertilità jew fuq l-iżvilupp (Tabella 3.1) jew tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1 b'R60 (Jista' jkun ta' ħsara għall-fertilità) jew R61 (Jista' jikkawża ħsara lil tarbija mhux imwielda) (Tabella 3.2) elenkati fl-Appendiċi 5 — Tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 1B effetti ħżiena fuq il-funzjoni sesswali u l-fertilità jew fuq l-iżvilupp (Tabella 3.1) jew tossiċi għar-riproduzzjoni kategorija 2 b'R60 (Jista' jkun ta' ħsara għall-fertilità) jew R61 (Jista' jikkawża ħsara lil tarbija mhux imwielda) (Tabella 3.2) elenkati fl-Appendiċi 6	Bla ħsara għall-partijiet l-oħra ta' dan l-Anness dan li ġej għandu japplika għall-entrati 28 sa 30: 1. Ma għandhiex titqiegħed fis-suq, jew tintuża, — bħala sustanzi, — bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra, jew — f'taħlitiet, għall-bejgħ lill-pubbliku ġenerali meta l-konċentrazzjoni individwali fis-sustanza jew fit-taħlita tkun ugwali għal jew iktar minn: — jew il-konċentrazzjoni rilevanti speċifikata fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jew — il-konċentrazzjoni rilevanti speċifikata fid-Direttiva 1999/45/KE. Bla ħsara għall-implimentazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn relatati mal-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-forniturі għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-imballaġġ ta' tali sustanzi u taħlitiet ikunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jiħassarx kif ġej: "Ristrett għal utenti professjonali". 2. B'deroga, il-paragrafu 1 ma għandux japplika għal: (a) prodotti mediċinali jew veterinarji kif definiti bid-Direttiva 2001/82/KE u bid-Direttiva 2001/83/KE; (b) prodotti kożmetiċi kif definiti mid-Direttiva 76/768/KEE; (ċ) il-karburanti u l-prodotti taż-żejt li ġejjin: — karburanti tal-magna koperti mid-Direttiva 98/70/KE, — prodotti ta' żejt minerali intiżi biex jintużaw bħala karburant f'impjanti li jaħdmu bil-kombustjoni kemm jekk ikunu mobbli kif ukoll jekk ikunu fissi, — karburanti mibjugħin f'sistemi magħluqa (pereżempju fliexken tal-gass liwkidu); (d) żebgħat ta' artisti koperti mid-Direttiva 1999/45/KE.

Kolonna 1 L-ġażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
31. (a) Creosote; żejt tal-ħasil CAS Nru 8001-58-9 KE Nru 232-287-5 (b) Żejt tal-creosote; żejt tal-ħasil CAS Nru 61789-28-4 KE Nru 263-047-8 (ċ) Distillati (qatran), żjut tan-naftalina; żejt tan-naftalina CAS Nru 84650-04-4 KE Nru 283-484-8 (d) Żejt tal-creosote, frazzjoni ta' aċenaftina; żejt tal-ħasil CAS Nru 90640-84-9 KE Nru 292-605-3 (e) Distillati (qatran), ta' fuq; żejt tqil tal-antraċina CAS Nru 65996-91-0 KE Nru 266-026-1 (f) Żejt tal-antraċina CAS Nru 90640-80-5 KE Nru 292-602-7 (g) Aċidi tal-qatran, faħam, grezz; fenoli grezzi CAS Nru 65996-85-2 KE Nru 266-019-3 (ħ) Creosote, injam CAS Nru 8021-39-4 KE Nru 232-419-1 (i) Żejt tal-qatran ta' temperatura baxxa, alkalina; Residwi tal-estrazzjoni (faħam), żejt tal-qatran tal-faħam ta' temperatura baxxa alkalina CAS Nru 122384-78-5 KE Nru 310-191-5	1. Ma għandhomx jitqiegħu fis-suq, jew jintużaw, bħala sustanzi jew f'taħlitiet fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża għat-trattament tal-injam. Barra minn hekk, injam trattat b'dan il-mod ma għandux jitqiegħed fis-suq. 2. B'deroga mill-paragrafu 1: (a) Is-sustanzi u t-taħlitiet jistgħu jintużaw għat-trattament tal-injam f'installazzjonijiet industrijali jew minn professjonisti, koperti mil-leġiżlazzjoni Komunitarja dwar il-protezzjoni tal-ħaddiema, għal trattamenti *in situ* biss jekk ikun fihom: (i) (i) benzo[a]pyrene f'konċentrazzjoni inqas minn 50 mg/kg (0,005 % skont il-piż), u (ii) phenols li jistgħu jkunu estratti bl-ilma f'konċentrazzjoni inqas minn 3 % skont il-piż. Dawn is-sustanzi u preparati għat-trattment tal-injam f'installazzjonijiet industrijali jew minn professjonisti: — jistgħu jitqiegħdu fis-suq biss f'pakketti ta' kapaċità tal-ekwivalenti ta' 20 litru jew aktar, — ma għandhomx jinbiegħu lill-konsumaturi. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-forniturі għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-imballaġġ ta' tali sustanzi u taħlitiet ikunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kif ġej: "Jintuża f'installazzjonijiet industrijali jew trattamenti minn professjonisti biss.". (b) Fir-rigward ta' njam ittrattat f'installazzjonijiet industrijali jew minn professjonisti skont is-subparagrafu (a) li jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba jew li jiġi trattat mill-ġdid *in situ*: dan jista' jsir biss għall-użu professjonali u industrijali, pereżempju fuq ferroviji, fit-trażmissjoni tal-enerġija elettrika u fit-telekomunikazzjonijiet, f'reċinti, għal skopijiet agrikoli (pereżempju f'piluni għall-appoġġ ta' siġar) u f'portijiet u kanali. (ċ) Il-projbizzjoni fil-paragrafu 1 għat-tqegħid fis-suq ma tapplikax għall-injam li jkun ġie ttrattat bis-sustanzi msemmija fil-punti 31(a) sa (i) qabel il-31 ta' Diċembru 2002 u mpoġġi fis-suq ta' oġġetti użati sabiex jerġa' jintuża. 3. L-injam ittrattat imsemmi fil-paragrafi 2(b) u (c) ma għandux jintuża: — ġewwa bini, irrispettivament mill-użu tiegħu, — f'ġugarelli, — fi playgrounds, — f'parkijiet, f'ġonna, u f'postijiet għall-beraħ rikreattivi u għad-divertiment pubbliku fejn hemm riskju li jista' jiġi f'kuntatt mal-ġilda, — fil-fabbrikazzjoni ta' għamara għall-ġonna bħall-imwejjed tal-pikniks, — fil-fabbrikazzjoni u użu u kull trattament mill-ġdid ta': — kontenituri maħsubin għal skopijiet ta' tkabbir, — imballaġġ li jista' jiġi f'kuntatt ma' materjali mhux proċessati, prodotti intermedji jew lesti li huma intiżi għall-konsum mill-bniedem u/jew mill-annimali, — materjali oħra jistgħu jikkontaminaw oġġetti msemmijin hawn fuq.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
32. Kloroform CAS Nru 67-66-3 KE Nru 200-663-8 34. 1,1,2-Trichloroethane CAS Nru 79-00-5 KE Nru 201-166-9 35. 1,1,2,2-Tetrachloroethane CAS Nru 79-34-5 KE Nru 201-197-8 36. 1,1,2,2-Tetrachloroethane CAS Nru 630-20-6 37. Pentachloroethane CAS Nru 76-01-7 KE Nru 200-925-1 38. 1,1-Dichloroethene CAS Nru 75-35-4 KE Nru 200-864-0	Bla ħsara għall-partijiet l-oħra ta' dan l-Anness, dawn li ġejjin japplikaw għall-entrati 32 sa 38. 1. Ma għandhiex titqiegħed fis-suq, jew tintuża, — bħala sustanzi, — bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra, jew f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew iktar minn 0,1 % skont il-piż, fejn is-sustanza jew it-taħlita tkun intiża biex tinbiegħ lill-pubbliku ġenerali u/jew tkun intiża f'użi diffużi bħal tindif ta' uċuħ u tindif ta' tessuti. 2. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-forniturі għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-imballaġġ ta' tali sustanzi u taħlitiet li jżommuhom f'konċentrazzjonijiet ta' 0,1 % jew iktar skont il-piż ikunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kif ġej: "Jintuża f'installazzjonijiet industrijali biss". B'deroga din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal: (a) prodotti mediċinali jew veterinarji kif definiti bid-Direttiva 2001/82/KE u bid-Direttiva 2001/83/KE; (b) prodotti kożmetiċi kif definiti mid-Direttiva 76/768/KEE.
40. Sustanzi li jissodisfaw il-kriterji ta' fjammabbiltà tad-Direttiva tal-Kunsill 67/548/KEE u kklassifikati bħala li jieħdu n-nar, jieħdu n-nar faċilment jew jieħdu n-nar faċilment ħafna, irrispettivament minn jekk jidhrux fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 jew le.	1. Ma għandhomx jintużaw, bħala sustanzi jew taħlitiet, f'ġeneraturi tal-erosol fejn dawn il-ġeneraturi tal-erosol jitqiegħdu fis-suq għall-pubbliku ġenerali għal skopijiet ta' divertiment u dekorazzjoni bħal dawn li ġejjin: — glitter metalliku maħsub l-aktar għal dekorazzjonijiet, — borra u ġlata artifiċjali, — imħaded tat-tip 'whoopee', — erosols silly string, — imitazzjoni ta' eskrementi, — ħornijiet għall-parties, — flakes u foams dekorattivi, — għanqbut artifiċjali, — bombi tal-intiena. 2. Bla ħsara għall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħrajn dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi, il-forniturі għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-imballaġġ ta' ġeneraturi ta' erosol msemmija hawn fuq ikunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kif ġej: "Għall-utenti professjonali biss". 3. B'deroga, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx għall-ġeneraturi tal-erosol imsemmija fl-Artikolu 8 (1a) tad-Direttiva tal-Kunsill 75/324/KEE (**). 4. Il-ġeneraturi tal-erosol imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jekk ma jkunux konformi mar-rekwiżiti indikati. (**) ĠU L 147, 9.6.1975, p. 40.
41. Hexachloroethane CAS Nru 67-72-1 KE Nru 200-666-4	Ma għandux jitqiegħed fis-suq, jew jintuża, bħala sustanza jew f'taħlitiet, fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża għall-fabbrikazzjoni jew għall-ipproċessar ta' metalli li ma fihomx ħadid.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
42. Alkani, C_{10}-C_{13}, kloro (paraffini ta' katina qasira klorinati) (SCCPs) KE Nru 287-476-5 CAS Nru 85535-84-8	Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw bħala sustanzi, jew bħala kostitwenti ta' sustanzi oħra jew f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 1 % skont il-piż, fejn is-sustanza jew it-taħlita hija intiża għal: — xogħol bil-metalli; — tħaxxim tal-ġild.
43. Ażokoloranti u Azodyes	1. Azodyes li, b'qasma riduttiva ta' wieħed jew aktar mill-gruppi azo, jistgħu jerħu wieħed jew aktar mill-amini aromatiċi elenkati fl-Appendiċi 8, f'konċentrazzjonijiet li jistgħu jinkixfu, jiġifieri ta' aktar minn 30 mg/kg (0,003 % skont il-piż) fl-oġġetti jew fil-partijiet ikkuluriti tagħhom, skont il-metodu tal-ittestjar stabbilit fl-Appendiċi 10, ma għandhomx jintużaw f'oġġetti tessili jew tal-ġild li jistgħu jiġu f'kuntatt dirett u prolongat mal-ġilda tal-bniedem jew mal-kavità orali, bħal: — ħwejjeġ, saqqijiet u friex, xugamani, hairpieces, parrokki, kpiepel, ħrieqi u oġġetti sanitarji oħra, sleeping bags, — żraben u papoċċi, ingwanti, ċineg tal-arloġġi, basktijiet, kartieri/portafolli, bagalji, għata ta' siġġijiet, kartieri li jintlibsu madwar l-għonq, — ġugarelli tat-tessuti jew tal-ġild u ġugarelli li jinkludu ħwejjeġ tat-tessuti jew tal-ġild, — ħajt u drapp intiż għall-użu mill-konsumatur finali. 2. Minbarra dan, l-oġġetti tessili u tal-ġild imsemmija fil-paragrafu 1 hawn fuq ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq sakemm ma jikkonformawx mal-ħtigijiet imsemmija f'dak il-paragrafu. 3. L-azodyes, elenkati fl-Appendiċi 9 fil-'Lista ta' azodyes', ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq jew jintużaw għall-ikkulurar ta' oġġetti tessili jew tal-ġild bħala sustanza jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjonjiet ogħla minn 0,1 % skont il-piż, fejn is-sustanza jew it-taħlita tkun intiża għall-ikkulurar ta' oġġetti tessili u tal-ġilda.
44. Diphenylether, derivattiv pentabromo $C_{12}H_5Br_5O$	1. Ma għandhiex titqiegħed fis-suq, jew tintuża, — bħala sustanza, — f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż. 2. L-oġġetti li jkollhom partijiet flame-retarded li jkun fihom din is-sustanza f'konċentrazzjoni ogħla minn 0,1 % skont il-piż, ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. B'deroga, il-paragrafu 2 ma għandux japplika — għal oġġetti li ntużaw fil-Komunità qabel il-15 ta' Awwissu 2004, — għal apparat tal-elettriku u elettroniku fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (***). (***) ĠU L 37, 13.2.2003, p. 19.
45. Diphenylether, derivattiv octabromo $C_{12}H_2Br_8O$	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw: — bħala sustanza, — bħala kostitwent ta' sustanzi oħra, jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn, 0,1 % skont il-piż. 2. f'taħlitiet u f'konċentrazzjonijiet ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż. L-oġġetti li jkollhom partijiet flame-retardant li jkun fihom din is-sustanza f'konċentrazzjoni ogħla minn 0,1 % skont il-piż, ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq.

Kolonna 1 L-ġażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	3. B'deroga, il-paragrafu 2 ma ġhandux japplika: — ġhal oġġetti li ntużaw fil-Komunità qabel il-15 ta' Awwissu 2004, — ġhal apparat tal-elettriku u elettroniku fi ħdan l-ambitu tad-Direttiva 2002/95/KE.
46. (a) Nonylphenol $C_6H_4(OH)C_9H_{19}$ CAS 25154-52-3 KE 246-672-0 (b) Nonylphenol ethoxylates $(C_2H_4O)nC_{15}H_{24}O$	Sustanza li ma ġhandhiex titqieġhed fis-suq jew tintuża bħala sustanza jew f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ugwali ġhal jew ogħla minn 0,1 % skont il-piż ġhall-iskopijiet li ġejjin: 1. tindif industrijali u istituzzjonali bl-eċċezzjoni ta': — sistemi magħluqin ikkontrollati ta' dry cleaning fejn il-likwidu tal-ħasil jiġi riċiklat jew inċinerat, — sistemi ta' tindif bi trattamenti speċjali fejn il-likwidu tal-ħasil jiġi riċiklat jew inċinerat. 2. tindif domestiku; 3. proċessar ta' tessuti jew ta' ġlud bl-eċċezzjoni ta': — proċessar mingħajr emissjonijiet fl-ilma mormi, — sistemi bi trattamenti speċjali fejn l-ilma tal-ipproċessar ikun ittrattat minn qabel biex titneħħa kompletament il-frazzjoni organika qabel mal-ilma mormi jiġi ttrattat bijoloġikament (tneħħija tax-xaħmijiet mill-ġlud tan-nagħaġ); 4. emulsifikant ġhall-użu agrikolu ġhall-ħasil tas-sider tal-bhejjem; 5. ħdim ta' metalli bl-eċċezzjoni ta': użi f'sistemi magħluqin kkontrollati fejn il-likwidu tal-ħasil jiġi riċiklat jew inċinerat; 6. fabbrikazzjoni tal-polpa u tal-karta; 7. prodotti kożmetiċi; 8. prodotti oħra ġhal-kura personali bl-eċċezzjoni ta': spermiċidi; 9. koformulanti f'pestiċidi u bijoċidi. Madankollu awtorizzazzjonijiet nazzjonali ġhal-pestiċidi jew prodotti bijoċidali li fihom nonylphenol ethoxylates bħala koformulant, mogħtija qabel is-17 ta' Lulju 2003, ma ġhandhomx ikunu affettwati minn din ir-restrizzjoni sad-data ta' skadenza taghhom.
47. Komposti tal-Kromju VI	1. Is-siment u t-taħlitiet li fihom is-siment ma ġhandhomx jintużaw jew jitqieġhdu fis-suq jekk, meta idratati, ikun fihom aktar minn 0,0002 % kromju VI solubbli tal-piż totali tas-siment niexef. 2. Jekk jintużaw aġenti riduttivi, bla ħsara ġhall-applikazzjoni ta' dispożizzjonijiet Komunitarji oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet il-forniturі ġhandhom jiżguraw qabel it-tqeġhid fis-suq li l-imballaġġ ta' siment jew ta' taħlitiet li fihom is-siment juri b'mod li jinqara u li ma jitħassarx l-informazzjoni dwar id-dejta tal-imballaġġ, kif ukoll dwar il-kundizzjonijiet tal-ħażna u l-perjodu ta' ħażna adatt biex tinżamm sejra l-attività tal-aġent riduttiv u biex il-livell ta' kromju VI solubbli jinżamm taħt il-limitu indikat fil-paragrafu 1. 3. B'deroga, il-paragrafi 1 u 2 ma japplikawx ġhat-tqeġhid fis-suq, u l-użu, ta' siment u taħlitiet li fihom is-siment f'sistemi magħluqin u kkontrollati u fi proċessi totalment awtomatizzati fejn is-siment u t-taħlitiet li fihom is-siment jiġu ttrattati biss mill-magni u fejn ma jkun hemm l-ebda possibbiltà ta' kuntatt mal-ġilda.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
48. Toluene CAS Nru 108-88-3 KE Nru 203-625-9	Ma għandux jitqiegħed fis-suq, jew jintuża, bħala sustanza jew f'taħlitiet f'konċentrazzjoni ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż, fejn is-sustanza jew it-taħlita tintuża f'adeżivi jew żebgħa tal-isprej intiżi għall-pubbliku ġenerali.
49. Trichlorobenzene CAS Nru 120-82-1 KE Nru 204-428-0	Ma għandux jitqiegħed fis-suq, jew jintuża, bħala sustanza jew f'taħlitiet f'konċentrazzjoni ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż għal kwalunkwe użu bl-eċċezzjoni ta': — bħala intermedju ta' sinteżi, jew — bħala solvent ta' proċess f'applikazzjonijiet kimiċi magħluqa għal reazzjonijiet ta' klorinar, jew — fil-manifattura ta' 1,3,5 -triamino — 2,4,6 - trinitrobenzene (TATB).
50. Idrokarbonji poliċikliċi-aromatiċi (PAH)(a) Benzo[a]pyrene (BaP) CAS Nru 50-32-8 (b) Benzo[e]pyrene (BeP) CAS Nru 192-97-2 (ċ) Benzo[a]anthracene (BaA) CAS Nru 56-55-3 (d) Chrysen (CHR) CAS Nru 218-01-9 (e) Benzo[b]fluoranthene (BbFA) CAS Nru 205-99-2 (f) Benzo[j]fluoranthene (BjFA) CAS Nru 205-82-3 (g) Benzo[k]fluoranthene (BkFA) CAS Nru 207-08-9 (h) Dibenzo[a,h]anthracene (DBAhA) CAS Nru 53-70-3	1. Mill-1 ta' Jannar 2010, iż-żjut dilwenti ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq, jew jintużaw għall-produzzjoni ta' tajers jew partijiet ta' tajers jekk ikollhom: — iktar minn 1 mg/kg (0.0001 % skont il-piż) BaP, jew — iktar minn 10 mg/kg (0.001 % skont il-piż) tat-total tal-PAHs elenkati kollha. Dawn il-limiti għandhom jitqiesu li ġew rispettati, jekk l-estratt ta' poliċikliċi aromatiċi (PCA) ikun inqas minn 3 % skont il-piż, kif imkejjel bl-istandard tal-Istitut taż-Żejt IP346: 1998 (Id-Determinazzjoni ta' PCA fi żjut ta' bażi lubrifikanti li mhumiex użati u fi frazzjonijiet ta' żejt mhux raffinat li ma fihomx asphaltene – Metodu ta' indiċi rifrattiv tal-estrazzjoni ta' Dimethyl sulphoxide), dejjem jekk il-konformità mal-valuri tal-limitu ta' BaP u ta' PAHs elenkati, kif ukoll il-korrelazzjoni ta' valuri mkejla permezz tal-estratt ta' PCA, tkun ikkontrollata mill-manifattur u mill-importatur kull sitt xhur jew wara kull bidla operattiva ewlenija, skont liema tiġi l-ewwel. 2. Barra minn hekk, it-tajers u l-materjal użat għall-bdil tal-uċuħ tat-tajers iffabbrikati wara l-1 ta' Jannar 2010 ma jistgħux jitpoġġew fis-suq jekk ikun fihom żjut dilwenti li jaqbżu l-limiti indikati fil-paragrafu 1. Dawn il-limiti jitqiesu li ġew rispettati, jekk il-komposti ta' lastiku vulkanizzat ma jaqbżux il-limitu ta' 0,35 % ta' protoni Bay kif imkejla u kkalkulati permezz tal-ISO 21461 (Lastiku vulkanizzat – Determinazzjoni tal-aromatiċità taż-żejt f'komposti ta' lastiku vulkanizzat). 3. Permezz ta' deroga, il-paragrafu 2 ma għandux japplika għal tajers li ngħatalhom wiċċ ġdid jekk il-wiċċ il-ġdid ma jkunx fih żjut dilwenti aktar mil-limiti msemmija fil-paragrafu 1. 4. Għall-fini ta' din l-entrata 'tajers' għandha tfisser tajers għall-vetturi koperti minn: — d-Direttiva 2007/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Settembru 2007 li tistabbilixxi kwadru għall-approvazzjoni ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom (****), — Id-Direttiva 2003/37/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Mejju 2003, dwar l-approvazzjoni tat-tip ta' tratturi għall-agrikoltura jew għall-forestrija, il-karrijiet tagħhom u makkinarju li jingibed u li jista' jinbidel, flimkien mas-sistemi tiegħu, il-komponenti u l-unitajiet separati teknici (*****) u — Id-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 92/61/KEE (******). (****) ĠU L 263, 9.10.2007, p. 1 (*****) ĠU L 171, 9.7.2003. p. 1 (******) ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
51. Il-phthalates li ġejjin (jew in-numri CAS u KE l-oħra li jkopru s-sustanza): (a) Bis (2-ethylhexyl) phthalate (DEHP) CAS Nru 117-81-7 KE Nru 204-211-0 (b) Dibutyl phthalate (DBP) CAS Nru 84-74-2 KE Nru 201-557-4 (ċ) Benzyl butyl phthalate (BBP) CAS Nru 85-68-7 KE Nru 201-622-7	1. Ma għandhomx jintużaw bħala sustanzi jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 0,1 % skont il-piż ta' materjal plastiku, f'ġugarelli u f'oġġetti tal-kura tat-tfal. 2. Ġugarelli u oġġetti tal-kura tat-tfal li fihom dawn il-phthalates f'konċentrazzjoni ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż tal-materjal plastifikat ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Il-Kummissjoni għandha tevalwa mill-ġdid, sas-16 ta' Jannar 2010, il-miżuri previsti fir-rigward ta' din l-entrata fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida dwar dawn is-sustanzi u s-sostituti tagħhom, u jekk ikun iġġustifikat, dawn il-miżuri għandhom jiġu emendati kif jixraq. 4. Għall-finijiet ta' din l-entrata, 'oġġett tal-kura tat-tfal' ifisser kull prodott maħsub biex jiffaċilita l-irqad, il-mistrieħ, l-iġjene, l-ikel tat-tfal jew it-treddigħ mit-tfal.
52. Il-phthalates li ġejjin (jew in-numri CAS u KE l-oħra li jkopru s-sustanza): (a) Di-"isononyl" phthalate (DINP) CAS Nru 28553-12-0 u 68515-48-0 KE Nru 249-079-5 u 271-090-9 (b) Di-"isodecyl" phthalate (DIDP) CAS Nru 26761-40-0 u 68515-49-1 KE Nru 247-977-1 u 271-091-4 (ċ) Di-n-octyl phthalate (DNOP) CAS Nru 117-84-0 KE Nru 204-214-7	1. Ma għandhomx jintużaw bħala sustanzi jew f'taħlitiet, f'konċentrazzjonijiet ta' aktar minn 0,1 % skont il-piż ta' materjal plastifikat, f'ġugarelli u oġġetti tal-kura tat-tfal li jistgħu jitpoġġew fil-ħalq mit-tfal. 2. Ġugarelli u oġġetti tal-kura tat-tfal bħal dawn li fihom dawn il-phthalates f'konċentrazzjoni ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż tal-materjal plastifikat ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq. 3. Il-Kummissjoni għandha tevalwa mill-ġdid, sas-16 ta' Jannar 2010, il-miżuri previsti fir-rigward ta' din l-entrata fid-dawl ta' informazzjoni xjentifika ġdida dwar dawn is-sustanzi u s-sostituti tagħhom, u jekk ikun iġġustifikat, dawn il-miżuri għandhom jiġu emendati kif jixraq. 4. Għall-finijiet ta' din l-entrata, 'oġġett tal-kura tat-tfal' ifisser kull prodott maħsub biex jiffaċilita l-irqad, il-mistrieħ, l-iġjene, l-ikel tat-tfal jew it-treddigħ mit-tfal.
53. Perfluorooctane sulfonates (PFOS) C8F17SO2X (X = OH, Melħ tal-metall (O-M+), halide, amide, u derivattivi oħra inklużi polimeri)	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq, jew jintuża, bħala sustanza jew f'taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 50 mg/kg (0.005 % skont il-piż). 2. Ma jistax jitqiegħed fis-suq fi prodotti jew oġġetti li huma parzjalment lesti, jew f'partijiet minnhom, jekk il-konċentrazzjoni ta' PFOS hija ta' 0,1 % skont il-piż ikkalkulat b'referenza għall-massa ta' partijiet strutturalment jew mikrostrutturalment distinti li fihom PFOS jew għal tessuti jew materjali miksija oħra, jekk l-ammont ta' PFOS huwa ta' 1 $\mu g/m^2$ jew aktar tal-materjal miksi. 3. B'deroga, il-paragrafi 1 u 2 la japplikaw għall-oġġetti li ġejjin, u lanqas għal sustanzi u preparazzjonijiet meħtieġa biex jipproduċuhom: (a) fotoreżistenti jew kisjiet antiriflessivi għal proċessi fotolitografiċi, (b) kisjiet fotografiċi applikati għal films, karti, jew pjanċi tal-istampar, (ċ) aġenti li jrażżnu ċ-ċpar fil-plejting tal-kromju (VI) iebes u mhux dekorattiv u aġenti li jiffaċilitaw l-assorbiment tal-ilma li jintużaw f'sistemi kkontrollati ta' electroplating fejn l-ammont ta' PFOS rilaxxat fl-ambjent huwa minimizzat, billi jiġu applikati bis-sħiħ l-aħjar tekniki disponibbli rilevanti żviluppati fi ħdan il-qafas tad-Direttiva 2008/1/KE (*******); (d) il-fluwidi idrawliċi għall-avjazzjoni.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	4. B'deroga mill-paragrafu 1, foams għat-tifi tan-nar li tqiegħdu fis-suq qabel it-27 ta' Diċembru 2006 jistgħu jintużaw sas-27 ta' Ġunju 2011. 5. B'deroga, il-paragrafu 2 ma għandux japplika għal oġġetti li ntużaw fil-Komunità qabel is-27 ta' Ġunju 2008 6. l-paragrafi 1 u 2 għandhom japplikaw bla ħsara għar-Regolament (KE) Nru 648/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (********). 7. Malli tkun disponibbli informazzjoni ġdida dwar dettalji ta' użi u sustanzi jew teknoloġiji alternattivi iktar żguri, il-Kummissjoni għandha tirrevedi kull waħda mid-derogi fil-paragrafi 3(a) sa (d) sabiex: (a) l-użi ta' PFOS jitneħħew gradwalment hekk kif l-użu ta' alternattivi iktar żguri jkun teknikament u ekonomikament vijabbli, (b) deroga tkun tista' titkompla biss għal użi essenzjali li għalihom ma jeżistux alternattivi iktar żguri u fejn ġie rrappurtat dak kollu li sar biex jinstabu alternattivi iktar żguri, (ċ) rilaxxi ta' PFOS fl-ambjent jitnaqqsu kemm jista' jkun, billi jiġu applikati l-aħjar tekniki disponibbli. 8. Il-Kummissjoni għandha tirrevedi regolarment l-attivitajiet ta' evalwazzjoni tar-riskji u d-disponibbiltà ta' sustanzi jew teknoloġiji alternattivi aktar żguri konnessi mal-użi tal-perfluorooctanoic acid (PFOA) u ta' sustanzi relatati u għandha tipproponi l-miżuri kollha meħtieġa biex jitnaqqsu r-riskji identifikati, inklużi restrizzjonijiet fuq it-tqegħid fis-suq u l-użu, b'mod partikolari meta sustanzi jew teknoloġiji alternattivi iktar żguri, u li huma teknikament u ekonomikament fattibbli, ikunu disponibbli. (*******) ĠU L 24, 29.1.2008, p. 8. (********) ĠU L 104, 8.4.2004, p. 1.
54. 2-(2-methoxyethoxy)ethanol (DEGME) CAS Nru 111-77-3 KE Nru 203-906-6	Ma għandux jitqiegħed fis-suq wara s-27 ta' Ġunju 2010, biex jinbiegħ lill-pubbliku ġenerali, bħala kostitwent ta' żebgħa, tqaxxir taż-żebgħa, aġenti għat-tindif, emulsjonijiet li jleqqu jew siġillanti għall-art f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew iktar minn 0,1 % skont il-piż.
55. 2-(2-butoxyethoxy)ethanol (DEGBE) CAS Nru 112-34-5 KE Nru 203-961-6	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara s-27 ta' Ġunju 2010, biex jinbiegħ lill-pubbliku ġenerali, bħala kostitwent ta' żebgħa tal-isprej jew prodotti tat-tindif bl-isprej f'dispensers tal-erosol f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew iktar minn 3 % skont il-piż. 2. Żebgħa tal-isprej u prodotti tat-tindif bl-isprej f'dispensers tal-erosol li jkollhom id-DEGBE u li ma jkunux konformi mal-paragrafu 1 ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq biex jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali wara s-27 ta' Diċembru 2010. 3. Bla ħsara għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-fornituri għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li ż-żebgħa ħlief iż-żebgħa bl-isprej li fiha DEGBE f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 3 % skont il-piż li jitqiegħdu fis-suq biex jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali jkunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx sas-27 ta' Diċembru 2010 kif ġej: "Tużax f'apparat ta' żebgħa bl-isprej.".
56. Methylenediphenyl diisocyanate (MDI) CAS Nru 26447-40-5 KE Nru 247-714-0	1. Ma għandhomx jitqiegħdu fis-suq wara s-27 ta' Diċembru 2010, bħala kostitwent ta' taħlitiet f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż tal-MDI biex jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali, sakemm l-imballaġġ:

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	(a) ikollu ingwanti protettivi li jkunu konformi mar-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 89/686/KEE (*********); (b) ikun immarkat b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx kif ġej, u bla ħsara għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar tas-sustanzi u t-taħlitiet: "— Persuni li diġà ġew f'kuntatt ma' diisocyanates jistgħu jiżviluppaw reazzjonijiet allerġiċi meta jużaw dan il-prodott. — Persuni li jbatu mill-ażma, mill-ekżema jew minn problemi tal-ġilda għandhom jevitaw il-kuntatt, inkluż il-kuntatt dermali, ma' dan il-prodott. — Dan il-prodott ma għandux jintuża taħt kundizzjonijiet ta' ventilazzjoni ħażina sakemm ma tintużax maskla protettiva b'filtru tal-gass xieraq (jiġifieri tip A1 skont l-istandard EN 14387)." 2. B'deroga, il-paragrafu 1(a) ma japplikax għal adeżivi sħan li jinħallu. (*********) ĠU L 399, 30.12.1989, p. 18.
57. Cyclohexane CAS Nru 110-82-7 KE Nru 203-806-2	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara s-27 ta' Ġunju 2010, biex jinbiegħ lill-pubbliku ġenerali, bħala kostitwent ta' kolla bbażata fuq in-neoprin f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż ta' f'pakketti ikbar minn 350 g. 2. Kolla bbażata fuq in-neoprin li jkollha cyclohexane u li ma tkunx konformi mal-paragrafu 1 ma għandhiex titqiegħed fis-suq biex tinbiegħ lill-pubbliku ġenerali wara s-27 ta' Diċembru 2010. 3. Bla ħsara għal leġiżlazzjoni Komunitarja oħra dwar il-klassifikazzjoni, l-imballaġġ u l-ittikkettjar ta' sustanzi u taħlitiet, il-forniturі għandhom jiżguraw qabel it-tqegħid fis-suq li l-kolla ta' kuntatt ibbażata fuq in-neoprin li jkollha cyclohexane f'konċentrazzjonijiet ugwali għal jew ta' iktar minn 0,1 % skont il-piż li jitqiegħdu fis-suq biex jinbiegħu lill-pubbliku ġenerali jkunu mmarkati b'mod viżibbli, li jinqara u li ma jitħassarx sas-27 ta' Diċembru 2010 kif ġej: "— Dan il-prodott ma għandux jintuża taħt kundizzjonijiet ta' ventilazzjoni ħażina. — Dan il-prodott ma għandux jintuża għat-tqegħid ta' twapet.".
58. Nitrat tal-ammonja (AN) CAS Nru 6484-52-2 KE Nru 229-347-8	1. Ma għandux jitqiegħed fis-suq għall-ewwel darba wara s-27 ta' Ġunju 2010 bħala sustanza, jew f'taħlitiet li jkollhom iktar minn 28 % skont il-piż ta' nitroġenu fir-rigward tan-nitrat tal-ammonja, biex jintuża bħala fertilizzant solidu, waħdu jew kompost, sakemm il-fertilizzant ma jkunx konformi mad-dispożizzjonijiet tekniċi għall-fertilizzanti tan-nitrat tal-ammonja b'kontenut ta' nitroġenu għoli stabbilit fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 2003/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (**********). 2. Ma għandhiex titqiegħed fis-suq wara s-27 ta' Ġunju 2010 bħala sustanza, jew f'taħlitiet li jkollhom 16 % jew iktar skont il-piż ta' nitroġenu fir-rigward tan-nitrat tal-ammonja ħlief biex jinbiegħ lil: (a) l-utenti u d-distributuri downstream, inklużi persuni fiżiċi jew ġuridiċi liċenzjati jew awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 93/15/KEE; (**********); (b) il-bdiewa full time jew part time, biex jużawh f'attivitajiet agrikoli u li mhux neċessarjament ikunu relatati mad-daqs tal-art.

Kolonna 1 L-għażla tas-sustanza, tal-grupp ta' sustanzi jew tat-taħlita	Kolonna 2 Kundizzjonijiet tar-restrizzjoni
	Għall-finijiet ta' dan is-subparagrafu: (i) 'bidwi' tfisser persuna fiżika jew ġuridika, jew grupp ta' persuni fiżiċi jew ġuridiċi, minkejja l-istat ġuridiku li jingħata lill-grupp u lill-membri tiegħu skont il-liġi nazzjonali, li l-proprjetà tiegħu tkun tinsab fit-territorju Komunitarju, kif imsemmi fl-Artikolu 299 tat-Trattat, u li jkun qed iwettaq attività agrikola; (ii) 'attività agrikola' tfisser il-produzzjoni, it-trobbija jew it-tkabbir ta' prodotti agrikoli inkluż il-ħsad, it-taħlib, it-tnissil tal-annimali u ż-żamma tal-annimali għal skopijiet agrikoli, jew iż-żamma tal-art fi stat agrikolu u ambjentali tajjeb kif stabbilit skont l-Artikolu 5 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1782/2003; (**********); (ċ) persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jwettqu attivitajiet professjonali bħall-ortikultura, it-tkabbir ta' pjanti f'serer, iż-żamma ta' parks, ġonna jew grawnds sportivi, attivitajiet ta' foresterija jew oħrajn simili. 3. Madankollu, għar-restrizzjonijiet fil-paragrafu 2, l-Istati Membri jistgħu, sal-1 ta' Lulju 2014, għal raġunijiet ekonomiċi, japplikaw limitu sa 20 % skont il-piż ta' nitroġenu fir-rigward tan-nitrat tal-ammonja għal sustanzi u taħlitiet li jitqieġħdu fis-suq fit-territorji tagħhom. Dawn għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar dan." (**********) ĠU L 304, 21.11.2003, p. 1. (**********) ĠU L 121, 15.5.1993, p. 20. (**********) ĠU L 270, 21.10.2003, p. 1.

(3) Fl-Appendiċi 1 sa 6, il-kelmtejn qabel jinbidel b'dan li ġej:

"KELMTEJN QABEL

Spjegazzjonijiet dwar l-intestaturi fil-kolonni:

Sustanzi:

L-isem jikkorrispondi għall-Identifikazzjoni Internazzjonali tal-Kimika użata għas-sustanza fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettjar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006.

Kull meta jkun possibbli, is-sustanzi jintgħażlu skont l-ismijiet tal-IUPAC tagħhom. Is-sustanzi elenkati fl-EINECS (Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti), l-ELINCS (Lista Ewropea ta' Sostanzi Notifikati) jew il-lista ta' "No-longer-polymers" jintgħażlu billi jintużaw l-ismijiet fil-listi. F'ċerti każijiet jiġu inklużi ismijiet oħra, bħall-ismijiet tas-soltu jew dawk komuni. Kull meta jkun possibbli, il-prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti u l-bijoċidi jintgħażlu skont l-ismijiet tagħhom tal-ISO.

Entrati għal gruppi ta' sustanzi:

Għadd ta' entraturi fi grupp huma inklużi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. F'dawn il-każijiet, ir-rekwiżiti ta' klassifikazzjoni se japplikaw għas-sustanzi kollha koperti mid-deskrizzjoni.

F'ċerti każijiet, hemm rekwiżiti ta' klassifikazzjoni għal sustanzi speċifiċi li jistgħu jiġu koperti bl-entrata tal-grupp. F'dawn il-każijiet entrata speċifika tiġi inkluża fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 għas-sustanza u l-entrata tal-grupp tiġi annotata bil-frażi "minbarra dawk speċifikati x'imkien ieħor fl-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008".

F'ċerti każijiet, sustanzi individwali jistgħu jkunu koperti b'iktar minn entrata ta' grupp waħda. F'dawn il-każijiet, il-klassifikazzjoni tas-sustanza tirrifletti l-klassifikazzjoni għal kull waħda miż-żewġ entrati tal-grupp. F'każijiet fejn jingħataw klassifikazzjonijiet differenti għall-istess periklu, tiġi applikata l-iktar klassifikazzjoni stretta.

Numru tal-indiċi:

In-Numru tal-indiċi hu l-kodiċi ta' identifikazzjoni mogħti lis-sustanza fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Is-sustanzi huma elenkati fl-Appendiċi skont in-numru tal-indiċi.

Numri KE:

In-numru KE, jiġifieri EINECS, ELINCS jew NLP, huwa n-numru uffiċjali tas-sustanza fl-Unjoni Ewropea. In-numru EINECS jinkiseb mill-Inventarju Ewropew ta' Sustanzi Kimiċi Kummerċjali Eżistenti (EINECS). In-numru ELINCS jinkiseb mil-Lista Ewropea ta' Sustanzi Notifikati. In-numru NLP jinkiseb mil-lista ta' "No-longer-polymers". Dawn il-listi jiġu ppubblikati mill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

In-numru KE jikkonsisti minn sistema ta' seba' ċifri tat-tip XXX-XXX-X li jibda b'200-001-8 (EINECS), b'400-010-9 (ELINCS) u b'500-001-0 (NLP). Dan in-numru huwa indikat fil-kolonna bl-intestatura "KE Nru".

Numru CAS:

In-numri tas-Servizz tal-Astratti Kimiċi (CAS) ġew definiti għas-sustanzi biex jgħinu fl-identifikazzjoni tagħhom.

N o t i :

It-test sħiħ tan-noti jinsab fil-Parti 1 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

In-noti li jridu jiġu kkunsidrati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament huma dawn li ġejjin:

Nota A:

Bla ħsara għall-Artikolu 17(2) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, l-isem tas-sustanza jrid jidher fuq it-tikketta fil-forma ta' waħda mill-għażliet indikati fil-Parti 3 tal-Anness VI ta' dak ir-Regolament.

F'dik il-Parti, kultant isir użu minn deskrizzjoni ġenerali bħal "… komposti" jew "… imluħa". F'dan il-każ, il-fornitur li jqiegħed din is-sustanza fis-suq ikun meħtieġ jiddikjara fuq it-tabella l-isem eżatt, filwaqt li tiġi kkunsidrata t-Taqsima 1.1.1.4 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

Nota C:

Ċerti sustanzi organiċi jistgħu jitqiegħdu fis-suq jew f'forma iżomerika speċifika jew bħala taħlita ta' diversi iżomeri.

Nota D:

Ċerti sustanzi li jkunu suxxettibbli għall-polimerizzazzjoni jew għad-dekompożizzjoni spontanja ġeneralment jitqiegħdu fis-suq f'forma stabbilizzata. Huwa f'din il-forma li dawn jiġu elenkati fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008.

Madankollu, kultant dawn is-sustanzi jitqiegħdu fis-suq f'forma mhux stabbilizzata. F'dan il-każ, il-fornitur li jqiegħed fis-suq tali sustanza għandu jiddikjara fuq it-tabella l-isem tas-sustanza segwit bil-kelmiet "mhux stabbilizzata".

Nota J:

Il-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika jew mutaġenika mhux bilfors tapplika jekk jista' jintwera li s-sustanza fiha inqas minn 0,1 % w/w benżin (KE Nru 200-753-7).

Nota K:

Il-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika jew mutaġenika mhux bilfors tapplika jekk ikun jista' jintwera li s-sustanza fiha inqas minn 0,1 % w/w 1,3-butadiene (KE Nru 203-450-8).

Nota L:

Il-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika mhux bilfors tapplika jekk ikun jista' jintwera li s-sustanza fiha inqas minn 3 % ta' estratt ta' DMSO kif imkejjel bl-IP 346.

Nota M:

Il-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika mhux bilfors tapplika jekk ikun jista' jintwera li s-sustanza fiha inqas minn 0,005 % w/w benzo[a]-pyrene (KE Nru 200-028-5).

Nota N:

Il-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika mhux bilfors tapplika jekk tkun magħrufa l-istorja sħiħa tar-raffinar u jekk jista' jintwera li s-sustanza li minnha dan jiġi manifatturat mhix karċinoġenika.

Nota P:

Il-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika jew mutaġenika mhux bilfors tapplika jekk jista' jintwera li s-sustanza fiha inqas minn 0,1 % w/w benżin (KE Nru 200-753-7).

Nota R:

Il-klassifikazzjoni bħala karċinoġenika mhux bilfors tapplika għal fibri b'medja ġeometrika tad-dijametru skont it-tul, b'żewġ devjazzjonijiet standard imnaqqsa, ikbar minn 6μm.";

(4) Fl-Appendiċi 1, 2, 3, 5 u 6, fl-entrati, fil-kolonna intestata "noti", ir-referenzi għan-noti E, H u S huma mneħħija.

(5) Fl-Appendiċi 1, l-intestatura tinbidel bl-"Entrata 28 – Karċinoġeni: kategorija 1A (Tabella 3.1)/kategorija 1 (Tabella 3.2)".

(6) L-Appendiċi 2 jiġi emendat kif ġej:

(a) L-intestatura tinbidel bl-"Entrata 28 – Karċinoġeni: kategorija 1B (Tabella 3.1)/kategorija 2 (Tabella 3.2)".

(b) Fl-entrati b'indiċi Nri 024-017-00-8, 611-024-00-1, 611-029-00-9, 611-030-00-4 u 650-017-00-8, il-kelmiet "Anness I tad-Direttiva 67/548/KEE" għandhom jinbidlu bl-"Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008".

(ċ) L-entrati b'indiċi Nri 649-062-00-6, 649-063-00-1, 649-064-00-7, 649-065-00-2, 649-066-00-8, 649-067-00-3, 649-068-00-9, 649-069-00-4, 649-070-00-X, 649-071-00-5, 649-072-00-0, 649-073-00-6, 649-074-00-1, 649-075-00-7, 649-076-00-2, 649-077-00-8, 649-078-00-3, 649-079-00-9, 649-080-00-4, 649-081-00-X, 649-082-00-5, 649-083-00-0, 649-084-00-6, 649-085-00-1, 649-086-00-7, 649-087-00-2, 649-089-00-3, 649-090-00-9, 649-091-00-4, 649-092-00-X, 649-093-00-5, 649-094-00-0, 649-095-00-6, 649-096-00-1, 649-097-00-7, 649-098-00-2, 649-099-00-8, 649-100-00-1, 649-101-00-7, 649-102-00-2, 649-103-00-8, 649-104-00-3, 649-105-00-9, 649-106-00-4, 649-107-00-X, 649-108-00-5, 649-109-00-0, 649-110-00-6, 649-111-00-1, 649-112-00-7, 649-113-00-2, 649-114-00-8, 649-115-00-3, 649-116-00-9, 649-117-00-4, 649-119-00-5, 649-120-00-0, 649-121-00-6, 649-122-00-1, 649-123-00-7, 649-124-00-2, 649-125-00-8, 649-126-00-3, 649-127-00-9, 649-128-00-4, 649-129-00-X, 649-130-00-5, 649-131-00-0, 649-132-00-6, 649-133-00-1, 649-134-00-7, 649-135-00-2, 649-136-00-8, 649-137-00-3, 649-138-00-9, 649-139-00-4, 649-140-00-X, 649-141-00-5, 649-142-00-0, 649-143-00-6, 649-144-00-1, 649-145-00-7, 649-146-00-2, 649-147-00-8, 649-148-00-3, 649-149-00-9, 649-150-00-4, 649-151-0-X, 649-152-00-5, 649-153-00-0, 649-154-00-6, 649-155-00-1, 649-156-00-7, 649-157-00-2, 649-158-00-8, 649-159-00-3, 649-160-00-9, 649-161-00-4, 649-162-00-X, 649-163-00-5, 649-164-00-0, 649-165-00-6, 649-166-00-1, 649-167-00-7, 649-168-00-2, 649-169-00-8, 649-170-00-3, 649-171-00-9, 649-172-00-4, 649-173-00-X, 649-174-00-5, 649-177-00-1, 649-178-00-7, 649-179-00-2, 649-180-00-8, 649-181-00-3, 649-182-00-9, 649-183-00-4, 649-184-00-X, 649-185-00-5, 649-186-00-0, 649-187-00-6, 649-188-00-1, 649-189-00-7, 649-190-00-2, 649-191-00-8, 649-193-00-9, 649-194-00-4, 649-195-00-X, 649-196-00-5, 649-197-00-0, 649-198-00-6, 649-199-00-1, 649-200-00-5, 649-201-00-0, 649-202-00-6, 649-203-00-1, 649-204-00-7, 649-205-00-2, 649-206-00-8, 649-207-00-3, 649-208-00-9, 649-209-00-4 u 649-210-00-X huma mneħħija.

(7) Fl-Appendiċi 3, l-intestatura hija mibdula bl-"Entrata 29 – Mutaġeni: kategorija 1A (Tabella 3.1)/kategorija 1 (Tabella 3.2)".

(8) Fl-Appendiċi 4, l-intestatura hija mibdula bl-"Entrata 29 – Mutaġeni: kategorija 1B (Tabella 3.1)/kategorija 2 (Tabella 3.2)".

(9) Fl-Appendiċi 5, l-intestatura hija mibdula bl-"Entrata 30 – Tossiċi għar-riproduzzjoni: kategorija 1A (Tabella 3.1)/kategorija 1 (Tabella 3.2)".

(10) Fl-Appendiċi 6, l-intestatura hija mibdula bl-"Entrata 30 – Tossiċi għar-riproduzzjoni: kategorija 1B (Tabella 3.1)/kategorija 2 (Tabella 3.2)".

(11) Fl-Appendiċi 8, l-intestatura hija mibdula bl-"Entrata 43 – Ażokoloranti – Lista ta' amini aromatiċi".

(12) Fl-Appendiċi 9, l-intestatura tinbidel bl-"Entrata 43 – Ażokoloranti – Lista ta' ażodi".

(13) L-Appendiċi 10 jiġi emendat kif ġej:

(a) L-intestatura tinbidel bl-"Entrata 43 – Azokoloranti – Lista ta' metodi ta' ttestjar".

(b) Fin-nota ta' qiegħ il-paġna, l-indirizzi ta' CEN u CENELEC jinbidlu b'dan li ġej

"CEN: Avenue Marnix 17, B-1000 Brussels, tel. (32-2) 550 08 11, faks: (32-2) 550 08 19 (http://www.cen.eu/cenorm/homepage.htm)

Cenelec: Avenue Marnix 17, B-1000 Brussels, tel. +32 25196871, fax +32 2519 69 19 (http://www.cenelec.eu/Cenelec/Homepage.htm)"